**26 ta' Ottubru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Negozjant Victor Tonna Barthet noe

*versus*

Salvatore Barbara et.

**Dejn — Ipoteka — Art. 1214, Kodiċi Ċivili.**

*Meta debitur ikollu iżjed minn dejn wieħed il-ħlas illi jagħmel jiġi imputat gal dejn illi jkun garantit b'ipoteka tad-debitur jew b'garanzija ta' terza persuna; dan però, isir biss meta ma tkunx saret imputazzjoni fil-mument stess tal-ħlas jew meta ma jkunx hemm ftehim espress mill-bidu dwar kif għandha ssir l-istess imputazzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi l-konvenuti naqqsu li jħallsu aktar minn żewġ rati mensili ta' għaxar liri (£10) il-waħda kif obbligaw ruħhom li *jagħmlu skond il-kuntratt* fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, 1959 u għalhekk iddekadew mill-benefiċju tat-terminu lilhom akkordat bl-istess kuntratt; u peress li l-konvenut reġa' daħħal flus mingħand il-klienti tiegħu (i.e. tal-attur nomine) u żammhom huwa; talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni u prevja hekk hemm bżonn dikjarazzjoni li l-konvenuti ddekadew mill-benefiċju tat-terminu lilhom akkordat bil-kuntratt fuq imsemmi — hu jiġi awtorizzat jesegwixxi l-kuntratt fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, 1959 biex jottjeni l-pagament ta' mitejn disgħa u erbgħin lira (£249) għal saldu ta' seba' mija u għoxrin lira (£720), bl-imgħax tas-sitta fil-minn (6%) mill-ġurnata tal-kuntratt kalkolati u skaletta; u li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' mitejn u tme-

nin lira, ħmistax-il xelin u nofs (£282.18s.6d) għas-saldu tas-somma akbar li huwa daħħal mingħand il-klijenti tiegħu (i.e. tal-attur) u żammhom bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) mill-ġurnata tal-inkass tal-istess flus. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-*mandat ta' sekwestru* tal-erbatx (14) ta' Marzu, 1964.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu li d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li huma m'għandhomx jagħtu l-ammonti kollha mitluba;

*Omissis.*

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur nomine qiegħed jitlob kontra ż-żewġ konvenuti l-eżekuzjoni tal-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni għall-bilanċ tal-ammont hemm dikjarat lilu dovut u qiegħed jitlob ukoll kontra l-konvenut Salvatore Barbara waħdu l-kundanna tiegħu għall-ħlas tal-ammont ieħor li dan daħħal mingħand il-klijenti tad-ditta attriċi u ma kkonsenjalhiex;

Illi l-konvenuti eċċepew li m'għandhomx jagħtu l-ammonti msemmija fiċ-ċitazzjoni, mingħajr però ma semmew kemm verament għandhom jagħtu skond il-konteġġi tagħhom u fi stadju ulterjuri l-konvenuta qalet li xi ħlasijiet akkont kellhom jitnaqqsu mill-ammont li għalih hija kienet garanti ta' żewġha, debitament awtorizzata mill-Qorti għal dana l-oġġett, *u mhux mit-tieni ammont dovut mill-konvenut waħda kif kien* naqqashom l-attur nomine;

Illi huwa veru li skond il-liġi (Art. 1214 Kod. Ċiv.) meta debitur ikollu iżjed minn dejn wieħed il-ħlas li jagħmel jiġi mputat għal dejn li jkun garantit b'ipoteka tad-debitur jew b'garanzija ta' terza persuna kif hu fil-każ preżenti (ittra "d"); dan però jsir biss meta ma tkunx saret imputazzjoni fil-mument stess tal-ħlas (ibid. fil-bidu tal-artikolu), jew, bħal fil-

każ preżenti, meta ma jkunx hemm ftehim espress mill-bidu dwar kif għandha ssir l-istess imputazzjoni: dan il-ftehim espress jirriżulta mix-xhieda tal-attur li ma ġietx bl-ebda mod kontradetta u mill-atteġġjament tal-istess attur fil-konfront tal-konvenuti jidher li qiegħed jittratta ferm tajjeb magħhom billi rrinunzja għal xi imgħaxijiet li kien talab u li kienu dovuti lilu (minn meta l-konvenut spiċċa mill-impieg mad-ditta attriċi): oltre dan, il-ħlas li sar matul il-kawża, u li għalih saret riduzzjoni, ġie mnaqqas mill-ammont dovut mill-konvenuti t-tnejn (il-konvenuta bħala garanti tal-konvenut) billi magħmul mill-konvenuta u akkont tal-istess debitu u hekk hemm konferma indiretta tal-imputazzjoni dwar il-pagamenti li saru qabel akkont;

Għal dawna l-motivi:—

Tiddeċiedi bilil tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza l-eżekuzzjoni tal-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni solidalment kontra żżewġ konvenuti u dana għall-ammont ta' mija u sebgħa u sebgħin lira (£177) bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena min-notifika taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u billi tilqa' wkoll it-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut tmenin lira, tmintax-il xelin u nofs (£80.18.6d.) bl-imgħax tas-sitta fil-mija (6%) fis-sena min-notifika taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.